MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 734/2006

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
George Vella, iben Spiridiione, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Ġunju, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta’ Diċembru, 2004, f’xi ħin matul il-jum mill-fond bl-isem ‘Melatron Flats’, numru 2, Triq in-Naxxar, San Gwann ikkometta serq ta’ diversi oġġetti tad-deheb, apparat ċellulari tal-marka ‘Sony Ericsson’ u Lm150 fi flus kontanti għad-dannu ta’ Josephine Spiteri, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-lok;

2. talli fl-istess data u ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' l-istess Josephine Spiteri, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kkontra tiegħu u
għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' €539 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------